MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Lulju, 2008

Numru. 116/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alfred Mallia)**

**vs**

**Maria Rita Casha**
**Roderick Barun**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Maria Rita Casha ta' 35 sena, mart Joseph (minnu separata), bint Anthony Barun u Grazia nee' Lia Mallia, imwielda il-Pieta`, fl-20 ta` Ottubru, 1966 u residenti 40, Triq San Nikola, il-Belt – Valletta u detentrici tal-karta ta` l-identita` numru 453066 (M) u Roderick Barun ta' 16-il sena, iben missier mhux maghruf u Maria Rita nee` Barun, imwieled Pieta`, fit-30 ta` Jannar, 1986 u

residenti 40, Triq San Nikola, il-Belt – Valletta u detentur tal-karta ta` l-identita numru 75486 (M) gew imressqa quddiemha akkuzati talli:-

Talli fis-16 ta` Novembru, 2001, fil-Belt Valletta:-

1) Ikkomettew serq ta` hand bag li kien fih mobile phone tal-marka 'Ericsson' li jiswa mija u tletin lira Maltin (Lm130), tlettax-il lira Maltin (Lm13) fi flus kontanti u dokumenti ohra ghad-dannu ta` Jennifer Lonfat minn M`Scala, liema serq huwa aggravat bil-valur, u dan bi ksur tal-Artikoli 261(c) u 267 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta ;

2) Ghamlu falsifikazzjoni f`att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta` bank privat fuq akkont ta` terzi persuni b`falsifikazzjoni jew b`tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi f`dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu iffirmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe` il-quick cash card tal-H.S.B.C. mahruga f`isem Jennifer Lonfat u dan bi ksur tal-Artikolu 183 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

3) Xjentament ghamlu uzu minn att, kitba jew skritturi foloz, u cioe` minn quick cash card mahruga f`isem Jennifer Lonfat u dan bi ksur tal-Artikolu 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

4) B`mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi nqdew b`qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b`ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti immaginarji, ghamlu qliegh ta` seba' liri Maltin u disghin centezmu (Lm7.90) ghad-dannu ta` Jennifer Lonfat u dan bi ksur tal-Artikolu 308 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

5) Bi hsara ta` haddiehor, ghamlu qligh iehor b`qerq ghad-dannu ta` Jennifer Lonfat u dan bi ksur tal-artikolu 309 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

6) Ghamlu falsifikazzjoni ohra jew xjentament ghamiltu uzu minn dokument falsifikat u cioe` minn quick cash card mahruga minn awtorita` pubblika u dan bi ksur tal-Artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Rat l-atti kollha ta’ dan il-proċediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 12 ta’ Frar 2002 (esebit a fol. 10 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputati waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tal-20 ta’ Marzu 2002 iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda serq ta’ *handbag* fis-16 ta’ Novembru 2001 gewa l-Belt Valletta liema *handbag* kien fih *mobile phone*, Quickcash card u tlettax-il Lira Maltin (Lm13) kontanti u l-uzu tal-Quickcash card li kienet fl-istess *handbag* fejn giet falsifikata il-firma tal-propjetarja Jennifer Lonfat. Mill-provi rrizulta li Jennifer Lonfat nizlet il-*handbag* ghal ftit sekondi mal-art sakemm tat xi haga lit-tarbija taghha li kienet fil-*pushchair* u meta marret sabiex tigbor il-*handbag* taghha hija sabet li dan kien insteraq minn xi hadd. Peress li hija kienet taf li kellha l-Quickcash *card* fil-*handbag* marret mal-ewwel il-bank sabiex tinfurmahom li l-*card k*ienet insterqet u talbet li jitwaqqaf l-uzu tal-istess *card*. Impjegati tal-bank infurmaw lil Lonfat li l-*card* taghha kienet ghadha kemm giet uzata fil-hanut Lisa Boutique, Regency House il-Belt u kienet inxtrat xi haga ghal valur ta’ seba’ liri u disghin centezmu (Lm7.90). Jennifer Lonfat ghalhekk baghtet lil ommha f’dan il-hanut sakemm hija marret ghand il-Vodafone sabiex tinfurmahom dwar is-serq tal-*mobile phone* taghha li wkoll kien fil-handbag. Meta omm Lonfat marret fil-hanut kien

hemm l-imputata li qaltilha li kienet taf fejn qieghed il-*handbag* misruq u hargu flimkien mill-hanut izda l-*handbag* ma nstabx u omm Lonfat indikat lill-istess Lonfat lill-imputata bhala l-persuna li qaltilha li kienet taf fejn kien il-*handbag*. Sid il-hanut James Degabriele (xhieda relattiva inserita a fol. 30 u 31 tal-process) indikat lil Lonfat li l-Quick Cash kienet intuzat mill-imputata Maria Rita Casha. Dan James Degabriele meta xehed quddiem din il-Qorti ndika lill-imputata Maria Rita Casha bhala l-persuna li uzat il-*card* u ffirmat fuq ic-*chit* meta uzat il-*card*.

Mill-istqarrija tal-imputat Roderick Barun esebita a fol. 20 u 21 tal-process jirrizulta li huwa kien mal-ewwel ammetta mal-Pulizjia li kien ha l-*handbag* in kwistjoni. Huwa kien ammetta wkoll li kien ghadda l-Quickcash lil ommu sabiex hija tixtri libsa ghal ohtu z-zghira u qal li c-*chit* tal-card kien ifirmaha hu. L-imputat Roderick Barun ammetta wkoll li kien ha l-flus kontanti li kien hemm fil-*handbag* u l-*mobile phone* u li kien rema is-*sim card* li kienet fil-*mobile phone* filwaqt li kien zamm il-*mobile phone* u rema’ l-*handbag* x’imkien Birzebbuga. Huwa kien ikkonsenja l-*mobile phone* lill-Pulizija u ndikalhom il-post fejn kien rema’ l-*handbag*.

Fl-istqarrija minnha rilaxxjata (esebita a fol. 22 u 23 tal-process) l-imputata Maria Rita Casha ammettiet li kienet uzat il-Quickcash card u li kienet hi li ffirmat fuq ic-chit u mhux binha. Dan gie kkonfermat minn sid il-hanut James Degabriele.

F’dan il-kaz ftit hemm x’wiehed jghid dwar htija. In kwantu jirrigwarda l-ewwel akkuza l-imputat Roderick Barun ammetta fl-istqarrija minnu rilaxxjata li huwa kien seraq il-*handbag* in kwistjoni. Irid jinghad izda li is-serq huwa wiehed semplici u mhux aggravat bil-valur stante li mir-rapport tal-espert Martin Bajada nominat minn din il-Qorti (rapport relattiv inserit a fol. 70 tal-process) jirrizulta li l-*mobile phone* in kwisjtoni kellu valur ta’ hamsin lira Maltin (Lm50) fis-sena 2001, u cioe’ meta nsteraq. Inoltre fil-handbag kien hemm tlettax-il lira Maltin (Lm13) kontanti u ma gietx prodotta ebda prova rigward il-valur tal-*handbag*

innifsu. L-aggravju tal-valur li jeccedi l-mitt lira Maltin (Lm100) ghalhekk ma jirrizultax u l-imputat Roderick Barun qed jinstab hati biss ta’ serq semplici.

L-imputata Maria Rita Casha qed tigi liberata mill-ewwel akkuza stante li rrizulta li kien l-imputat Roderick Barun li seraq il-*handbag* u mhux l-istess Maria Rita Casha.

In kwantu jirrigwarda l-uzu tal-Quickcash *card* irrizulta li tali uzu u falsifikazzjoni tal-firma ta’ Jennifer Lonfat fuq ic-*chit* sar mill-imputata Maria Rita Casha u mhux mill-imputat Roderick Barun. Fir-rigward ta’ dan l-uzu tal-Qucikcash card u l-falsifikazzjoni tal-firma inhargu akkuzi ai termini tal-Artikoli 183, 184, 189, 308 u 309 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta izda l-Qorti jidrilha li l-fatti tal-kaz jikkonfiguraw ruhhom biss fir-reati kontemplati fl-Artikoli 189 u 309 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk l-imputata Maria Rita Casha ser tinstab hatja biss tal-hames u s-sitt akkuza migjuba fil-konfronti taghha. Kif diga’ intqal fil-paragrafi precedenti ma rrizultax pruvat li l-imputat Roderick Barun ghamel uzu mill-Quickcash card in kwisjtoni jew li huwa iffalsifika l-firma ta’ Jennifer Lonfat izda rrizulta li kien hu li ghadda il-Quickcash card lill-imputata Maria Rita Casha u qalilha sabiex tuzaha sabiex tixtri libsa ghal ohtu u huwa ghalhekk kien komplici f’tali uzu tal-card u qed jinstab hati tal-hames u s-sitt akkuza bhala komplici.

Ghal finijiet ta’ piena in kwantu jirrigwarda l-imputat Roderick Barun, il-Qorti kkunsidrat l-eta’ tieghu fid-data tal-kummissjoni tar-reat li tieghu qed jinstab hati, il-fatt li huwa ikkopera mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet u l-fedina penali netta tal-istess imputat u jidrilha li huwa ghandu jinghata l-ahhar opportunita’ sabiex jirriforma ruhu u jaqbad it-triq it-tajba. In kwantu jirrigwarda l-imputata Maria Rita Casha, l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta tal-istess imputata u l-fatt li hija kkoperat mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 284, 285, 37 u 42 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat Roderick Barun hati tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti

tieghu izda kif spjegat aktar ‘il fuq limitatament ghal serq semplici u mhux aggravat bil-valur kif ukoll tal-hames u s-sitt akkuza bhala komplici u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sena (1) millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat Roderick Barun mhux hati tat-tieni, it-tielet u r-raba akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentament tilliberah mill-istess akkuzi.

Wara li rat l-Artikoli 17, 189 u 309 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputata Maria Rita Casha hatja tal-hames u s-sitt akkuza migjuba fil-konfronti taghha u b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundannaha ghal tmien (8) xhur prigunerija sospizi ghal zmien sena (1) millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputata Maria Rita Casha mhux hatja tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba’ akkuza migjuba fil-konfronti taghha u konsegwentement tilliberaha mill-istess akkuzi.

Il-Qorti fissret fi kliem car lill-imputati l-import ta’ din is-sentenza u l-konsegwenzi f’kaz li jonqsu milli josservawha.

L-imputati min-naha taghhom iddikjaraw li fehmu ben tajjeb l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jonqsu milli josservawha.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tikkundanna lill-imputat Roderick Barun sabiex sa zmien sitt (6) xhur millum ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta’ wiehed u erbghin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu tal-ewro (€41.23) konnessa mal-hatra tal-espert Martin Bajada f’dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------